# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 1081/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Chidimma Lucy Spiteri armla ta' Jason Spiteri nee` Onovo**
**Numru Karta Residenza (0117439A)**

**Vs**

**Kap Eżekuttiv Aġenzija Identita Malta in rappreżentanza tal-istess Aġenzija**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Chidimma Lucy Spiteri ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti, li għandha ċittadinanza Niġerjana, kienet iżżewġet lil Jason Spiteri, ċittadin Malti, li kellu l-Karta ta' Identita' Numru 01876076M, fil-15 ta' Lulju 2014, fir-Reġistru taż-Żwieġ fil-Belt, Valletta, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1915/2014, li kopja tiegħu hi hawn annessa bħala Dok. 'A'.*

    2. *Illi in segwitu għal dan iż-żwieġ lir-rikorrenti kien inħarġitilha mill-awtorita' kompetenti, l-Aġenzija Intimata, il-Permess ta' Residenza permezz ta' Card li ġġib in-Numru Progressiv MT7866670 u li għandha n-numru 01117439A u dan b'effett mis-17 ta' Settembru 2014, u liema Permess kien jiskadi fis-16 ta' Settembru 2019, u kopja tal-liema Card hi hawn annessa bħala 'Dok. 'B'.*

3. *Illi qabel ma skada il-Permess ta' Residenza tar-rikorrenti hi u żewġha applikaw mal-intimat biex dan il-Permess jiġi mġedded skont il-liġi.*

4. *Illi fil-fatt l-Expatriates Unit tal-Aġenzija intimata, fit-28 ta' Awwissu 2019, informa permezz ta' email lir-rikorrenti (kopja tagħha hawn annessa bħala Dok. 'C') li fid-9 ta' Ottubru fl-10.30 a.m. hi kellha tmur flimkien ma' żewġha fl-uffiċċji tagħhom għal intervista u kellha tieħu magħha d-dokumenti imsemmija fl-istess email.*

5. *Illi r-rikorrenti u żewġha ma setgħux iżżommu dan l-appuntament peress li dakinhar l-iben minuri tar-rikorrenti minn relazzjoni extra-konjugali ma kienx jiflaħ u wara li r-rikorrenti nfurmat b'dan b'email lill-intimat hi u żewġha ġew mogħtija appuntament ieħor għall-10 ta' Jannar 2020 (Dok. 'D').*

6. *Illi dakinhar tal-appuntament tal-10 ta' Jannar 2020 ir-raġel tar-rikorrenti kien ma jiflaħx u għalhekk huma ma setgħux imorru għall-appuntament u dan kif ir-raġel tar-rikorrenti stess informa lill-Aġenzija intimata permezz tat-telefon.*

7. *Illi ir-raġel tar-rikorrenti, u ċioe' Jason Spiteri, miet fit-13 ta' Jannar 2020, fl-Isptar Mater Dei l-Msida u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 212/2020 u li kopja tiegħu hi hawn annessa bħala Dok. 'E'.*

8. *Illi ma kienx hemm ulied minn dan iż-żwieġ.*

9. *Illi cionostante li fir-relazzjoni konjugali bejn ir-rikorrenti u żewġha kien hemm xi problemi, sa meta miet żewġha r-rikorrenti kienet ġenerlament tgħix miegħu fid-dar matrimonjali fi Blokk 1, Flat 15, Triq San Ġwann, il-Belt Valletta. Saħansitra kienet ir-rikorrenti stess li kkonfermat id-dettalji meħtieġa fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku biex seta' jinħareġ iċ-ċertifkat tal-mewt ta' żewġha.*

10. *Illi l-Aġenzija intimata kienet tat appuntament ieħor lir-rikorrenti u żewġha għas-27 ta' Marzu 2020 iżda peress li r-raġel tar-rikorrenti kien laħaq miet ir-rikorrenti infurmat b'dan lill-intimat permezz ta' email tal-5 ta' Marzu 2020. Da parti tiegħu l-intimat informa lir-rikorrenti li hi kellha xorta waħda tmur għall-interview u tieħu magħha diversi dokumenti fosthom affidavit tal-familja tal-mejjet żewġha (ħuħ/oħtu/tifel/tifla) li fih jiġi dikjarat li meta miet żewġha r-rikorrenti u l-istess żewġha kienu koppja viċin xulxin u jirresjiedu fl-istess dar (Dok. 'F').*

11. *Illi peress li r-raġel tar-rikorrenti ma kellux ħajjin ħutu jew tfal li r-rikorrenti kienet taf personalment ir-rikorrenti ppruvat ġġib affidavit mingħand il-ġenituri ta' żewġha, u cioe' Saviour Spiteri u/jew Rita Camilleri, iżda dawn irrifjutaw li jagħmlu dan. Għalhekk ir-rikorrenti ppreżentat lill-intimat affidavit tagħha stess bl-informazzjoni rikjesta.*

12. *Illi madankollu l-intimat irrifjuta li jġġedded il-Permess tar-Residenza Dok. 'B' għalkemm ir-rikorrenti kellha u għad għandha l-kundizzjonijiet kollha fil-fatt u fid-dritt biex dan jiġi mġedded skont il-liġi.*

13. *Illi ir-rikorrenti, permezz tal-konsulent legali tagħha Dr. Joseph Mifsud, kienet infurmat lis-sur Kurt Schembri, Reporting Officer fir-Reporting Unit tal-intimat, u dan permezz ta' email tat-18 ta' Lulju 2020, li r-raġel mejjet tar-rikorrenti ma kellu l-ebda persuna minn dawk mitluba li kienu ħajjin u li setgħu jagħmlu affidavit kif rikjest filwaqt li missier u omm il-mejjet żewġha ma ridux jagħmlu affidavit għax ma xtaqux li jkollhom x'jaqsmu magħha u għalhekk l-intimat ġie mitlub jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq id-dokumenti provduti. Kopja ta' din l-email qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'Ġ '. L-ebda risposta ma ntbgħatet għal din l-email.*

14. *Illi fil-11 ta' Awwissu 2020, ir-rikorrenti bagħtet ittra uffiċċjali lil diversi persuni u entitajiet pubbliċi, fosthom lill-intimat, li permezz tagħha interpellathom biex fi żmien għaxart ijiem iġeddulha l-Karta ta' Residenza tagħha peress li din kienet skadiet u li l-intimat kien qed verbalment jirrifjuta li jagħmel dan għalkemm ir-rikorrenti kellha l-kundizzjonijiet kollha skont il-liġi sabiex din tiġi mġedda.*

15. *Illi l-intimati f'dik l-ittra uffiċċjali, fosthom l-intimat, rrispondew għal din l-ittra uffiċċjali permezz ta' ittra uffiċċjali responsiva tal-31 ta' Awwissu 2020. F'din l-ittra uffiċċjali l-Aġenzija intimata irrilevat li r-rikorrenti ġiet mitluba tirrpreżenta affidavit ta' membru tal-familjari ta' żewġha sabiex tali affidavit jikkonferma bil-ġurament li fil-mument tal-mewt ir-rikorrenti u żewġha verament kienu jgħixu flimkien bħala koppja. Żied jgħid li r-rikorrenti ppreżentat affidavit imma tali affidavit kien iffimat minnha stess u għalhekk ġiet mitluba tippreżenta affidavit kif deskritt fis-suespost u hi kkonfermat li ser tadixxi ma' tali rikjesta iżda minkejja din il-konferma r-rikorrenti baqgħet ma ppreżentat l-ebda affidavit ulterjuri.*

***Raġuni tat-Talba:***

*Illi għalkemm l-Aġenzija intimata ġiet debitament interpellata kemm verbalment u kif ukoll uffiċċjalment sabiex iġġedded il-Permess ta' Residenza tar-rikorrenti din baqgħet tirrifjuta li tagħmel dan għalkemm ir-rikorrenti għandha l-kundizzjonijiet kollha msemmija mill-liġi biex l-istess Permess ta' Residenza tagħha jiġi mġedded.*

***It-Talbiet:***

*Tgħid għalhekk l-Aġenzija intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tiddikjara li r-rikorrenti għandha l-kundizzjonijiet kollha skont il-liġi sabiex il-Karta ta' Residenza tagħha (Dok. 'B') tiġi mġedda;*

2. *Tikkundanna lill-Aġenzija intimata biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit iġedded il-Permess ta' Residenza tar-rikorrenti għal*

*dak iż-żmien li tistabbilixxi l-liġi u/jew il-prattika f'każijiet bħal dawn.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-11 ta' Awwissu 2020, kontra l-Aġenzija intimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni li tista' tkun spettanti lill-mittenti skont il-liġi.*

2. Rat illi fil-11 ta' Jannar 2021 il-Kap Eżekuttiv Aġenzija Identita' Malta rrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari l-esponent jeċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx abbażi ta' liema artikolu fil-liġi qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha. In vista ta' dan l-esponent qiegħed jirriżerva illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li ssir tali kjarafika;*

   2. *Illi in linea preliminari l-esponent jeċepixxi illi l-azzjoni attriċi improponibbli stante illi azzjoni sabiex timpunja għemil amministrattiv ossia deċiżjoni amministrattiva ssir tramite stħarriġ ġudizzjarju abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-azzjoni attriċi donna hija azzjoni dikjaratorja abbażi tal-poteri residwali tal-Prim'Awla. Konsegwentament tali poteri jistgħu jiġu eżerċitati minn dina l-Onorabbli jekk ma jeżistix rimedju liema rimedju huwa dak pależament stipulat fl-artikolu 469A tal-Kap 12. tal-Liġijiet ta' Malta;*

   3. *Illi ż-żewġ talbiet tal-attriċi fir-rikors ġuramentat in risposta huma irriċevibbli minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-Qorti ma tistax tiddikjara illi l-attriċi għandha d-dritt ġġedded il-permess tar-residenza tagħha u lanqas ma tista' tikkundanna l-esponent jikkonċedi tali permess ta' residenza u dan għaliex huwa prinċipju legali ormai stabbilit illi l-Qrati nostrana ma jidħlux fiż-żarbun tas-setgħat tal-awtoritajiet pubbliċi imma semmai jiddikjaraw illi tali awtortijajiet eżerċitaw o meno tali poteri fl-ispirtu tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentament it-talbiet attriċi għandhom jiġu ddikjarati rriti u nulli;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

1. *Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-Liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

2. *Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

3. *Illi d-deċiżjoni ta' Identity Malta illi ma jiġġedidx il-permess tal-attriċi sakemm din tal-aħħar tippreżenta affidavit minn familjari tal-mejjet Jason Spiteri hija deċiżjoni meħuda in konformita mal-liġi senjatament l-artikolu 4 (1) paragrafi (g) u (h) tal-Kap 217 tal- Liġijiet ta' Malta u in konformita' mal-policies viġenti illi tħaddan l-istess Aġenzija;*

4. *Illi l-għaġir tal-aġenzija huwa għaġir li jintuża għal kwalunkwe persuna li tinstab fis-sitwazzjoni li tinstab fiha l-attriċi u dan jista' jiġi kkonfermat fil-mori tal-kawża;*

5. *Illi t-tiġdid o meno ta' residenza (exempt status) lill-persuni li ġejjin minn pajjiż terzi hija semmai prerogattiva tal-istat u lanqas timpinġi f'dritt ċivili imma strettament dritt pubbliku u amministrattiv li tagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-istat Malti tattwa l-policies viġenti;*

6. *Illi l-fatt illi l-ġenituri ta' Jason Spiteri m'humiex lesti illi jikkonfermaw taħt ġurament permezz ta' affidavit li l-attriċi u l-istess Jason Spiteri kienu qegħdin jgħixu fl-istess fond fid-dar matrimonjali juri b'mod ċar illi tali asserzjoni qatt ma ġiet ikkonfermata lill-aġenzija intimata u li għalhekk id-deċiżjoni tal-istess aġenzija hija waħda korretta;*

7. *Illi jekk il-ġenituri ta' Jason Spiteri jikkonfermaw bil-ġurament dak illi ġie mitlub mill-aġenzija intimata, din il-kawża tkun saret b'mod superfiċjali. F'dan is-sens l-intimat m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

8. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tal-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, fosthom ċertifikat taż-żwieġ bejnha u Jason Spiteri datat it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2014 u magħmul fl-Uffiċju tar-Reġistru taż-Żwiġijiet il-Belt (fol 5), Ċertifikat tal-mewt ta' Jason Spiteri illi seħħ fit-13 ta' Jannar 2020 (fol 11) u korrispondenza skambjata permezz ta' email bejn ir-rikorrenti u rappreżentanti tal-Aġenzija.

4. Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' **Lucy Spiteri** ippreżentata flimkien mar-rikors promotur (fol 14).

5. Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi saret tramite l-konsulent legali fl-1 ta' Marzu 2021 fejn, in vista ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ikkonfermat illi l-azzjoni odjerna hija waħda abbażi tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) (fol 26).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Ignatius Ciantar**, Unit Co-Ordinator fir-Reġistru Pubbliku, mogħtija fil-4 ta' Mejju 2021 (fol 34) u rat id-dokumenti ppreżentati mill-istess xhud. (fol 41).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Mark Scicluna**, ġia Enforcement Advisor fir-Reporting Unit tal-Identity Malta Agency, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-16 ta' Frar 2022 (fol 59).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Kurt Schembri**, ġia Reporting Officer fir-Reporting Unit tal-Identity Malta Agency, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-16 ta' Frar 2022 (fol 65).

9. Rat illi fis-16 ta’ Frar 2022 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

10. Semgħet ix-xhieda ta’ Chidimma Lucy Spiteri mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2022, bil-lingwa Ingliża in kontro-eżami (fol 74).

11. Rat l-affidavit ta’ Dr. Chanel Bantick, Senior Manager fl-Aġenzija Identità Malta (fol 77), ippreżentat fit-2 ta’ Ġunju 2022.

12. Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Chanel Bantick in kontro-eżami tas-6 ta' Frar 2023 u rat id-dokumenti minnha esebiti.

13. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fis-6 ta’ Frar 2023, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

14. Jirriżulta li r-rikorrenti hija ta' nazzjonalità Niġerjana u kienet iżżewġet lil Jason Spiteri ċittadin Malti fil-15 ta' Lulju 2014, kif jirriżulta minn ċertifikat taż-żwieġ Dok A fol 5 tal-proċess.

15. Jirriżulta li sussegwentement għal dan iż-żwieġ ir-rikorrenti nħarġilha l-permess tar-residenza mis-soċjetà intimata b'effett mis-17 ta’ Settembru 2014, liema permess kien jiskadi fis-16 ta' Settembru 2019, li jinsab anness bħala Dok B fol 6.

16. Jirriżulta li r-rikorrenti u żewġha kienu applikaw sabiex dan il-permess jiġi mġedded, b'hekk ġew infurmati permezz ta' email datat 28 ta’ Awissu 2019 (fol 7), li kellha tmur, flimkien ma' żewġha, fid-9 ta' Ottubru 2019 għal intervista u kellha tieħu d-dokumenti rikjesti.

17. Jirriżulta li dan l-appuntament ma nżammx da parte tar-rikorrenti għal motivi personali u r-rikorrenti u żewġha kienu ngħataw appuntament ieħor għall-10 ta' Jannar 2020 kif jidher (fol 8).

18. Iżda jirriżulta li Jason Spiteri kien ma jiflahx dakinhar, u ma setgħux imorru. Jirriżulta li Jason Spiteri sussegwentement miet fit-13 ta' Jannar 2020, kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu (fol 11).

19. Jidher li l-Agenzija kienet sussegwentement tat appuntament ieħor lir-rikorrenti għas-27 ta' Marzu 2020, iżda fl-4 ta’ Marzu 2020, ir-rikorrenti għarrfithom illi kien miet Jason Spiteri u talbet direzzjoni dwar x’kellha tagħmel.

20. Jidher illi fil-5 ta’ Marzu 2020, l-Agenzija, tramite Kurt Schembri, għarrfet lir-rikorrenti li xorta setgħet tiġi u li kellha ġġib id-dokumenti relattivi magħha, u dana kif jidher fl-email datat 5 ta’ Marzu 2020 (fol 12).

21. Jirriżulta illi fil-lista ta’ dokumentazzjoni rikjesta, kien hemm “*a signed affidavit of (his) family they coule be his broher/sister/son/daughter. In which declares that a point of death the couple (you and your husband) was still close and living in the same house*” (sic) (fol 12).

22. Jirriżulta illi r-rikorrenti ma kinetx f'posizzjoni tottjeni affidavit ta' membru tal-familja tal-mejjet raġel tagħha Jason Spiteri.

23. Jirriżulta li fil-11 ta' Awissu 2020, ir-rikorrenti bagħtet ittra uffiċjali lill-entitajiet pubbliċi u lill-intimat, li permezz tagħha interpellathom biex fi żmien għaxart ijiem iġeddu l-karta tar-residenza tagħha.

24. Jirriżulta li l-intimat f'ittra uffiċjali responsiva, tal-31 ta' Awissu 2020, ġie rilevat li r-rikorrenti ġiet mitluba tippreżenta affidavit ta' membru familjari ta' żewġha, iżda l-affidavit eżebit mir-rikorrenti minflok kien iffirmat minnha stess.

## Konsiderazzjonijiet fil-mertu

25. Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrenti qed titlob li jiġi dikjarat li hija għandha l-kundizzjonijiet kollha, skont il-liġi, sabiex il-karta tar-residenza tagħha tiġi imġedda. Konsegwentement, qed jintalab li l-Aġenzija intimata sabiex iġġedded il-permess ta' residenza tar-rikorrenti.

26. Minn naħa l-oħra, ressqet kemm eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-meritu, fejn ġie eċċepit li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li d-deċiżjoni ta' Identity Malta li ma ġġeddidx il-permess tar-residenza tar-rikorrenti huwa in konformità mal-liġi mal-artikolu 4(1) paragrafu (g) u (h) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u mal-policies viġenti li tħaddan l-istess aġenzija. Insistiet illi t-tiġdid o meno ta' residenza li l-persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi hija prerogattiva tal-Istat, u ma jemani l-ebda dritt ċivili dwar dan, għaliex hawnhekk si tratta ta' dritt pubbliku u amministrattiv u l-fatt li l-ġenituri ta' Jason Spiteri mhumiex lesti jikkonfermaw taħt ġurament b'affidavit, li Jason Spiteri u r-rikorrenti kienu jgħixu flimkien, isaħħaħ il-korrettezza tad-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, meta ma ġeddidtx il-karta ta' residenza tar-rikorrenti.

## Eċċezzjonijiet preliminari

27. Jibda biex jingħad, li <u>fl-ewwel eċċezzjoni preliminari</u>, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma ddikjaratx abbażi ta' liema att tal-liġi qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha. In linea preliminari wkoll, ġie eċċepit li l-azzjoni attriċi hija improponibbli, stante li l-azzjoni sabiex timpunja egħmil amministrattiv, u deċiżjoni amministrattiva issir tramite stħarriġ ġudizzjarju abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Referibbilment għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari jiġi osservat, fl-1 ta' Marzu 2021, l-avukat difensur tar-rikorrenti ikkonferma seduta stante li l-azzjoni odjerna hija ibbażata fuq l-artikolu 469A (1)(b)(ii)(iii) u (iv). Fil-fatt ġie sottolinjat fit-trattazzjoni wkoll li din l-azzjoni qed issir abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap 12.

29. Inoltre`, minn natura tat-talbiet tar-rikors ġuramentat u n-natura ta' l-ilment kif impustat, huwa deċifrabbli li l-azzjoni hija fil-fehma tal-Qorti ibbażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

30. Illi l-azzjoni odjerna hija dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv ir-rikorrenti ppreżentat din il-kawża biex tattakka d-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija

Identità Malta, b'hekk din l-azzjoni, hija diretta kontra id-deċiżjoni ta' l-Aġenzija li ma iġġeddidx ir-residenza tar-rikorrenti

31. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari bħala sorvolata. Għalhekk, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari.

32. B'referenza għat-tieni eċċezzjoni preliminari, din il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni odjerna mhijiex improponibbli, peress li din il-kawża hija azzjoni dikjaratorja billi qed jintalab ukoll li jingħata rimedju lir-rikorrenti. Madankollu, din il-Qorti, in vista tad-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti fl-1 ta' Marzu 2021, u abbażi ta' dak deċiż aktar ‘il fuq, dwar l-ewwel eċċezzjoni, tqis illi tista' tistħarreġ l-egħmil amministrattiv abbażi ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

33. **L-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** jipprovdi:

> *“1. Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministratti, jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> *a) Meta l-għemil amminsitattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> *b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> *i. meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;*
> *ii. meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew*
> *iii. meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti, jew;*
> *iv. meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra il-liġi.”*

34. Għaldaqstant, minn eżami tal-atti tal-każ jirriżulta li l-azzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruħha fil-parametri ta' l-artikolu 469A (1) (b) (i) u (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

35. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija intimata.

36. Tramite it-tielet eċċezzjoni preliminari, l-intimat eċċepixxa li ż-żewġ talbiet fir-rikors ġuramentat huma improponibbli, stante li l-Qorti ma tistax tiddikjara li r-rikorrenti għandha dritt iġġedded il-permess ta' residenza tagħha, u lanqas ma tista' tikkundanna lill-Aġenzija intimata tikkonċedi tali permess ta' residenza. Għalhekk, qed jiġi mitlub li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu dikjarati irriti u nulli.

37. B'referenza għal dak li diġa ribadit minn din il-Qorti, aktar ‘il fuq, referibbilment għall-eċċezzjonijiet preliminari, jingħad li din il-Qorti sejra strettament tistħarriġ l-għemil amministrattiv li l-istess rikorrenti qed tikkontesta permezz ta' din il-proċedura, u dan abbażi tad-dikjarazzjoni fil-verbal tal-1 ta' Marzu 2021.

38. Konsegwentement, tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni preliminari.

**Konsiderazzjonijiet fil-meritu**

39. Jiġi osservat ukoll, li l-intimat sostna li d-deċiżjoni ta' Identity Malta li ma ġġeddidx il-permess tar-rikorrenti, hija deċiżjoni meħuda in konformità mal-liġi senjatament mal-**Artikolu 4(1) (g)u (h) tal-Kap.217 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi li:

    *"Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV (Immigranti Iprojbiti) ta' dan l-Att ma japplikawx għal kull persuna:*

    *g) li tkun in konjuġi ta' persuna imsemmija f' wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan, u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma' dik il-persuna; jew*

    *h) li tkun l-armla jew l-armel ta' persuna imsemmija fil-paragrafu (a) jew (b) u fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha, kienet għadha tgħix ma' dik il-persuna*

40. Illi jirriżulta, mis-sensiela ta' korrispondenza u emails mibgħuta li l-ewwel appuntament li jingħata lir-rikorrenti sabiex hija tattendi flimkien ma' żewġha għall-intervista fl-uffiċċju tal-Aġenzija Identita` Malta. L-ewwel email kienet intbagħtet fit-28 ta' Awissu 2019, u l-appuntament għall-intervista kien appuntat għad-9 ta' Ottubru 2019, kif jidher minn Dok C eżebit mar-rikors promotur. Sussegwentement, kienet ingħatat appuntament ieħor għat-2 ta Diċembru 2019, fejn minħabba li r-rikorrent mietet oħtha, kienet infurmat li ma setgħetx tattendi għall-imsemmi appuntament. Jirriżulta, li l-Aġenzija tatha appuntament ieħor għas-27 ta' Marzu 2020. Jidher evidentement, mid-dokument Dok F eżebit fol 12, u mid-dokumenti li juru serje ta' korrispondenzi Dok CB1 u CB2 eżebit minn Dr. Chanel Bantick, li r-rikorrenti kellha tmur flimkien ma' żewġha fl-Expatriate Unit tal-Aġenzija intimata, u tieħu d-dokumenti kollha imsemmija fl-email, fl-intervista li kellha tattendi, dan sabiex il-karta ta' residenza tagħha tkun tista' tiġi imġedda skont il-liġi.

41. Iżda, irriżulta li r-raġel tar-rikorrenti Jason Spiteri miet fit-13 ta' Jannar 2020, kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu eżebit Dok E fol 11.

42. Wara li r-rikorrenti infurmat lill-Aġenzija li żewġha kien miet, l-Aġenzija reġgħet ikkorrispondiet u kitbet lir-rikorrenti kif jidher minn l-ewwel paġna ta' Dok CB2, fejn ir-rikorrenti intalbet is-segwenti dokumenti sabiex jiġu prodotti fl-intervista ta' 11 ta' Ġunju 2020:

    *(1) Official death certificate from the Public Registry Valletta Malta*
    *(2) A signed affidavit of (his) family they could be his brother / sister / son / daughter, in which declares that at point of death, the couple (you and your husband) was still close and living in the same house.*
    *(3) Write an email in which you request for your exempt status to be regularised since your husband has died.*
    *(4) A photocopy of ID card.*
    *(5) A photocopy of the biometric page of your passport.*
    *(6) Freedom of movement letter (FOM).*

43. Meta r-rikorrenti eventwalment, marret għall-appuntament, ossija **wara** l-mewt ta' żewġha, hija ppreżentat id-dokumenti rikjesti hawn fuq indikati, salv għall-affidavit tal-familjari ta' żewġha. Minflok, hija ppreżentat affidavit tagħha, li hija u żewġha kienu joqogħdu flimkien fil-mument tal-mewt tiegħu.

44. Minn naħa tagħha, l-Aġenzija intimata, ma aċċettatx dan l-affidavit tar-rikorrenti. L-Aġenzija u spjegat li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-artikolu 4(1) paragrafi (g) u (h) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

45. Ir-rikorrenti issottomettiet li dan l-artikolu tal-liġi ma jindikax, bi preċiż, dak li kien qiegħed speċifikatament rikjest, ossija li jiġi prodott affidavit tal-familjari tad-defunt, u kien għalhekk illi hija kienet qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Agenzija u pproċediet bil-vertenza odjerna.

46. Għalhekk, din in il-Qorti, trid tinvestiga u tistħarreġ il-kwistjoni jekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti humiex ġustifikatament pretiżi, dan fid-dawl tad-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija Identità Malta, li rrifjutat li jġġedded il-karta tar-residenza tar-rikorrenti.

**Kap 217**

47. Il-Qorti tosserva illi l-Kap 217 huwa l-Att li jikkontrolla u jirregola l-immigrazzjoni f'Malta u f'Artikolu 4 hemm ipprovdut lista ta' persuni li ma humiex ikkunsidrati bħala Immigranti projbiti. Il-lista hemm ipprovduta hija s-segwenti:

> *(a) li hija ċittadin ta' Malta; jew*
> *(b) li skont l-artikolu 44(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija meqjusa li hija ċittadin ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3(1) jew tal-artikolu 5(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija; jew*
> *(ċ) li hija intitolata għall-immunitajiet u privileġġi bis-saħħa jew skont xi disposizzjoni tal-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi; jew*
> *(d) li hija membru tal-forzi armati ta' pajjiż barra minn Malta li jkunu qegħdin f'Malta taħtu għall-iskop ta' arranġamenti mal-Gvern ta' Malta; jew*
> *(e) li hija Malta f'kapaċità konsultattiva jew biex tagħti pariri lil Gvern ta' Malta fuq stedina tiegħu; jew*
> *(f) li hija dipendenti minn xi persuna msemmija fil-paragrafi ta' qabel dan; jew*
> ***(g) li tkun il-konjuġi ta' persuna msemmija f'wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma' dik il-persuna; jew***
> ***(h) li tkun l-armla jew l-armel ta' persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) u fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha kienet għadha tgħix ma' dik il-persuna:***

48. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-artikolu tal-Liġi li għandhom jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti huma sub-artikolu (g) u (h) tal-Artikolu 4 (1), aktar il-fuq sottolinjati minn dina l-Qorti.

49. Jirriżulta illi armla ta' ċittadin Malti għandu dritt illi jitqies bħala residenti Malti, purke jipprova illi, fil-waqt tal-mewt taċ-ċittadin Malti, hija kienet għadha qiegħda tgħix ma' tali persuna.

50. Jirriżulta illi tali kriterju, għalhekk, jirrikjedi prova konfutabbli tali fatt illi, fil-mument tal-mewt tal-persuna li magħha kienet miżżewġa, kienet attwament qed tgħix magħha. Il-Qorti tqis illi, l-Aġenzija, bħala l-awtorita' illi tassikura li l-Liġi tiġi osservata, għandha kull dritt li titlob provi, u tifhem li hija prova konfutabbli u oġġettiva dik li tingħata minn affidavit ta' terzi u familjari tad-defunt f'każijiet bħal dawn, u dana peress illi affidavit tal-applikant waħdu ma jistax jitqies bħala prova konklussiva u oġġettiva f'każ bħal dan.

51. Il-Qorti tqis illi l-Aġenzija intimata tagħmel sew tivverifika l-fatti billi tirrikjedi affidavit ta' terzi u familjari tad-defunt sabiex jikkonfermaw l-fatti. Dan aktar u aktar, fil-każ in eżami, meta r-raġel kellu jkun preżenti għall-intervista flimkien mar-rikorrenti, illum huwa defunt u ma jistax jikkonferma l-fatti. Fin-nuqqas tar-raġel, l-aħjar prova tista' tinġieb minn membru tal-familja tiegħu – iżda sta għall-applikant biex iġib tali prova, u mhux l-Aġenzija!

52. Għandu ukoll jiġi puntwalizzat, li kif tajjeb eċċepiet l-Agenzija intimata, li l-għoti u tiġdid ta' residenza ta' persuni li ġejjin minn pajjiżi terz, hija prerogattiva esklussiva tal-Istat, peress li si tratta ta' dritt pubbliku u amministrattiv, strettament fid-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istat Malti, u ma jimpinġi l-ebda dritt ċivili.

53. Għalhekk, tenut kont ta' dawn l-aspetti legali, din il-Qorti hija konvinta li l-Aġenzija intimata, fiċ-ċirkostanzi odjerni imxiet sewwa u skont il-liġi meta nsistiet illi tingħata affidavit ta' membru tal-familja tar-raġel tar-rikorrenti sabiex jiġi kkonfermat illi verament r-rikorrenti kienet qed tgħix mar-raġel tagħha fil-mument tal-mewt tiegħu.

54. F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għax-xhieda tal-istess rikorrenti fejn affermat hekk fl-affidavit tagħha:

> *"Until my husband's death, I and my husband were residing together at our matrimonial home at Block 1, Flat 15 St John's Street Valletta. Although during the marriage not everything was rosy in our relationship, and sometimes I did not sleep at the matrimonial home, my husband and I had generally speaking a good relationship and continued living together in the matrimonial home until his death. I had in fact confirmed the details for the registration of his death certificate".*
>
> *U kompliet hekk fl-affidavit tagħha:*
>
> *"Since my deceased husband did not have any siblings alive, that is a brother, sister, son or daughter, whom I personally knew, I tried to get such a sworn declaration from my deceased husband's parents, namely Saviour Spiteri u Rita Camilleri. However, both of them refused to comply with my request. I was even threatened by Ms Rita Camilleri not to bother them and to leave them alone."*

55. Din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi hija kemmxejn inverosimili illi r-rikorrenti kellha żwieġ tajjeb mar-raġel tagħha meta ĦADD mill-membri tal-familja tar-raġel ma jrid jikkonfermalha dan bil-ġurament f'affidavit.

56. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tqis illi l-Aġenzija hija korretta meta tinsisti għall-affidavit ta' membru tal-familja tal-mejjet meta armla jew armel ikun qed japplika għar-

residenza Maltija u, fin-nuqqas ta' tali affidavit, għandu jitqies illi l-Aġenzija hija korretta tqis illi l-kundizzjonijet rikjesti fl-Artikolu 4 (1) (h) tal-Kap 291 ma jkunux ġew sodisfatti in vista ta' nuqqas ta' prova suffiċjenti li turi li l-armla jew armel kien qiegħed jgħix mal-persuna mejta filwaqt tal-mewt tiegħu jew tagħha.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija intimata, stante li sorvolata.

**Tiċħad** it-tieni u tielet eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija intimata, peress li ġie speċifikatament iddikjarat fl-1 ta' Marzu 2021, li din l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Aġenzija intimata, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti, kif dedotti għar-raġunijiet spjegati.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur